## Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Ġunju 2014 – Free vs UASI – Conradi + Kaiser (FreeLounge)

**(Kawża T-161/12)** ([1])

***("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali FreeLounge — Trade mark figurattiva nazzjonali preċedenti free LA LIBERTÉ N'A PAS DE PRIX, trade mark verbali nazzjonali preċedenti FREE, isem ta' kumpannija FREE u isem ta' dominju FREE.FR — Raġuni relattiva għal rifjut — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Setgħa ta' bidla")***

(2014/C 235/20)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Free SAS (Pariġi, Franza) (rappreżentant: Y. Coursin, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Folliard-Monguiral, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI:* Conradi + Kaiser GmbH (Kleinmaischeid, il-Ġermanja)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tal-25 ta' Jannar 2012 (Każ R 437/2011-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Free SAS u Conradi + Kaiser GmbH.

### Dispożittiv

1) *Id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), tal-25 ta' Jannar 2012 (Każ R 437/2011-2), hija annullata sa fejn din ikkunsidrat li s-servizzi ta' pubblikazzjoni online ta' kotba u ta' ġurnali elettroniċi, kif ukoll is-servizzi ta' pubblikazzjoni ta' ġurnali u ta' kotba f'forma elettronika, anki fuq l-internet, li jaqgħu fil-klassi 41 u msemmija fl-applikazzjoni għal reġistrazzjoni, ma kinux jixbhu s-servizzi ta' diffużjoni ta' informazzjoni b'mod elettroniku, b'mod partikolari għan-netwerks ta' komunikazzjoni mondjali tat-tip internet, li jaqgħu fil-klassi 38 u li huma koperti bit-trade mark figurattiva preċedenti.*

2) *Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.*

3) *Kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha.*

([1]) ĠU C 194, 30.06.2012.

---

## Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-5 ta' Ġunju 2014 – European Drinks vs UASI – Alexandrion Grup Romania (Dracula Bite u DRACULA BITE)

**(Kawżi T-495/12 sa T-497/12)** ([1])

***["Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade marks Komunitarji figurattivi Dracula Bite u DRACULA BITE — Trade mark nazzjonali figurattiva preċedenti Dracula — Assenza ta' użu ġenwin mit-trade mark preċedenti — Artikolu 42(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009"]***

(2014/C 235/21)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* European Drinks SA (Ştei, ir-Rumanija) (rappreżentant: V. von Bomhard, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: V. Melgar, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* SC Alexandrion Grup Romania Srl (Pleasa, ir-Rumanija) (rappreżentanti: M. Niculeasa, G. Trantea u B. Mărculeț, avukati)

**Suġġett**

Tliet rikorsi ppreżentati kontra tliet deċiżjonijiet tar-Raba' Awla tal-Bord tal-Appell tal-UASI tas-6 ta' Settembru 2012 (Każijiet R 680/2011-4, R 682/2011-4 u R 679/2011-4), dwar tliet proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn European Drinks SA u SC Alexandrion Grup Romania Srl.

**Dispożittiv**

1) *Il-Kawżi T-495/12, T-496/12 u T-497/12 huma magħquda għall-finijiet tas-sentenza.*

2) *Ir-rikorsi huma miċħuda.*

3) *European Drinks SA hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

([1]) ĠU C 26, 26.01.2013.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-5 ta' Ġunju 2014 – Brune vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-269/13 P)** ([1])

***("Appell — Servizz Pubbliku — Uffiċjali — Reklutaġġ — Kompetizzjoni ġenerali — Nuqqas ta' inklużjoni fil-lista ta' riżerva — Deċiżjoni ġdida tal-Kummissjoni adottata wara anullament mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku — Assenza ta' parteċipazzjoni fl-eżami orali")***

(2014/C 235/22)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Appellant:* Markus Brune (Bonn, il-Ġermanja) (rappreżentant: H. Mannes, avukat)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u B. Eggers, aġenti)

**Suġġett**

Appell mis-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewopea (It-Tieni Awla) tal-21 ta' Marzu 2013, Brune vs Il-Kummissjoni (F-94/11, għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), u intiż għall-annullament ta' din is-sentenza.

**Dispożittiv**

1) *L-appell huwa miċħud.*

2) *Markus Brune huwa kkundannat għall-ispejjeż tiegħu stess kif ukoll għal dawk tal-Kummissjoni Ewropea fil-kuntest ta' din l-istanza.*

---

([1]) ĠU C 207, 20.07.2013.